**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Nru: 977/2023 GG**

**Mario Vella**
**(K.I 0529558M)**

**vs.**

**Domenic Vella**
**(K.I 0221156M)**

Illum 12 ta' Ottubru 2023

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Mahluf ta' Mario Vella (K.I 0529558M) ippreżentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-31 ta' Awwissu, 2023 bis-segwenti premessi u talbiet:

1. Premess illi l-esponenti ghandu bi propjeta' il-garage bin-numru 6 fi Triq Ganni Vella, Birkirkara li gie zviluppat minnu stess fuq porzjon ta' art li huwa xtara permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Brincat fl-ghaxra (10) ta' Ottubru 1978 (kopja ta' liema qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala **Dokument A**).

2. U Billi l-garage in kwistjoni qiegħed jintuża u qiegħed fil-pussess tal-intimat, li jiġi hu r-rikorrenti, mingħajr titolu u b'mera tolleranza tar-rikorrenti u a bene placitu tiegħu.

3. U Billi r-rikorrenti talab lill-istess intimat sabiex jiżgumbra mill-garage in kwistjoni, anke peremzz ta' ittra uffiċjali datata ħmistax (15) ta' Mejju 2023 bin-numru 1983/2023, li kopja tagħha hija annessa u mmarkata bħala **Dokument B**.

4. U Billi minkejja tali interpellazzjoni, l-intimat baqa' inadempjenti.

5. U Billi l-intimat, sa fejn jaf ir-rikorrenti, m'għandux diviża x'jagħti kontra t-talba tar-rikorrent.

6. U Billi l-esponenti jaf personalment b'dawn il-fatti kif esposti.

7. U Billi għalhekk jissussistu l-elementi kollha rikjesti mill-liġi a tenur tal-Artikolu 167 et. seq. tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex din il-kawża tinstema u tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ tal-provi;

Għaldaqstant prevja kull dikjarazzjoni li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa, l-esponenti jitlob bir-rispett li, għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti jogħġobha:

1. Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħa tenurta' l-Artikoli 167 et seq tal-Kap. 12;

2. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimat qiegħed jokkupa l- garage bin-numru 6 fi Triq Ganni Vella, Birkirkara mingħajr titolu validu fil-liġi;

3. Konsegwentement, tordna lill-istess intimat sabiex, fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti, jiżgombra minn dan il-garage u jirritorna ċ-ċwievet tiegħu lill-esponenti.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-ħmistax (15) ta' Mejju 2023 bin-numru 1983/2023 kontra l-intimat u li huwa minn issa

ingunt għas-subizzjoni u b'riserva għal kull jedd u azzjoni oħra kompetenti lilu skond il-liġi.

Rat id-dgriet tagħha tat-18 ta' Settembru, 2023 li bih appuntat il-kawża għas-smigħ għas-seduta tat-12 t'Ottubru, 2023 fl-13:30 b'ordni lil-konvenut biex jidher f'dak il-jum u jwieġeb għat-talba tal-attur u li fin-nuqqas il-Qorti tgħaddi biex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talba tal-attur, kif ukoll ordnat n-notifika tar-Rikors Maħluf u tal-Avviż tas-smigħ tal-kawża lill-partijiet;

Rat illi l-partijiet, debitament notifikati deheru għall-ewwel appuntament iffissat minn din il-Qorti u l-konvenut talab li jkun awtorizzat jikkontesta l-kawża u konsegwentement li jipprezenta risposta ġuramentata tiegħu;

Rat illi wara li semgħet lid-difensur tal-konvenut tiddikjara illi huwa jixtieq jikkontesta t-talbiet tal-attur bil-premessi li l-fond in kwistjoni jinfed mad-dar tiegħu u li għandu talba għall-ispejjes għall-miljoramenti li jixtieq jagħmel kontra l-attur u wara li l-istess konvenut qabel li dan il-fond jinsab fil-pussess tiegħu fuq mera tolleranza, ċaħdet it-talba;

Rat l-atti u d-dokuementi esebiti;

Ikkunsidrat:

1. Illi din hija azzjoni għar-ripreża ta' fond, senjatament *garage*, li jinsab fil-pussess tal-konvenut fuq allegata mera tolleranza liema prestensjoni l-Qorti tqis debitament pruvata bid-dikjarazzjoni

guramentata tal-attur u bid-dikjarazzjoni tal-konvenut maghmula fl-udenza tal-lum;

2. Illi minkejja li debitament interpellat sabiex jirritorna c-cwievet tal-fond (Dok A Ittra Ufficcjali), l-konvenut baqa' inadempjenti u ma tirrizulta ebda twegiba da parti tieghu. Ir-raguni minnu vantata sabiex jithalla jikkontesta l-kawza, jigifieri li ghandu jiehu flus rapprezentanti miljoramenti fil-fond u li dan jinfed mad-dar residenzjali tieghu ma tiswiex sabiex iccahhad lill-attur mid-dritt tieghu ghar-ripreza tal-fond;
3. Illi ghalhekk jirrizultaw l-elementi kollha ravvizati fl-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghalhekk ghar-ragunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

**Tilqa** l-ewwel talba tar-rikorrenti sabiex din il-Qorti tipprocedi ghas-sentenza bid-dispensa ta' smigh skond l-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta; u

**Tilqa'** t-tieni talba tar-rikorrenti u b'hekk tiddikjara li l-konvenut qed jokkupa l-*garage* bin-numru 6 fi Triq Ganni Vella, Birkirkara minghajr titolu validu fil-ligi;

**Tilqa'** t-tielet talba u tordna lill-konvenut sabiex fi zmien perentorju ta' tlett (3) xhur mil-lum jizgombra minn dan il-*garage* u jirritorna c-cwievet tieghu lill-attur b'dan illi kwalunkwe dritt tal-konvenut ghall-risarciment ghal-miljoramenti jibqa' impregudikat.

**Tordna** wkoll li l-ispejjez kollha marbuta ma' dawn il-proceduri jithallsu kollha kemm huma mill-konvenut inkluzi dawk indikati fir-rikors mahluf.

---

**Onor. Dr. Giovanni M Grixti**
**Imħallef**

---

**Nicole Cini**
**Deputat Reġistratur**